## 9 ta' Jannar, 1965

**Imħallef:**

## Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.

Commander Edward Hamilton Hill, O.B.E., R.D. ne

*versus*

Neguzjant Joseph E. Coleiro ne. et.

## Privileġġ ta' sid il-kera — Buona Fede

*Biex ikun hemm lok għall-privileġġ kontemplat fl-art. 2113(e) tal-Kodiċi Ċivili, jinħtieġ li l-ħaġa tkun fil-post mikri u tkun biex isservi ħalli tgħammar il-fond, u l-liġi tipprexxindi espressament mill-kwistjoni ta' min ikun il-proprietarju tal-ħaġa.*

*Dan il-privileġġ jissussisti anke jekk l-oġġett ikun jinsab fil-post provviżorjament jew detenut mid-debitur mingħajr titolu u l-liġi tagħna ma tirrikjediex il-buona fede tal-lokatur għall-effikaċi konservazzjoni ta' l-istess privileġġ.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni u l-provvedimenti li trid il-liġi; premess illi b'mandat tal-Qbid maħruġ minn din il-Qorti, tal-20 ta' Diċembru, 1962, fl-ismijiet Neguzjant Joseph E. Coleiro, għad-ditta Coleiro Brothers Ltd., vs Avukat Dottor Francis Portanier u P.L. Paul Saliba, kuraturi deputati, biex jirrappreżentaw l-assenti Anthony Parry, ġie elevat, fost oġġetti oħra, mill-poter ta' l-imsemmi Parry, "television set tar-Rediffusion" u b'digriet tal-10 ta' Lulju, 1964, ġiet fissata d-data 13 ta' Ottubru, 1964, għall-bejgħ fl-irkant ta' l-oġġetti elevati, kif jirriżulta mill-Avviż Dok. A anness maċ-ċitazzjoni; u premess illi l-imsemmi Television

set tar-Rediffusion huwa ta' proprietà tad-ditta attriċi u kien jinsab provvisorjament u temporaneament fil-fond minejn ġie elevat, jiġifieri, Villa Vecca, Mellieħa Road, San Pawl il-Baħar, u kien jinsab għand l-imsemmi Parry l-ewwel b'kera u mbagħad detenut sempliċement sakemm jiġi rtirat minn nies tad-ditta attriċi — talab illi din il-Qorti, għar-raġunijiet premessi, tirrevoka l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid imsemmi in kwantu tolqot it-Television set tar-Rediffusion fuq imsemmi, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li tant mix-xhieda mhux kontestata tal-konvenut Coleiro, kif ukoll mill-istess atti esekuttivi li huwa għamel kontra d-debitur Anthony Parry, jirriżulta li huwa kreditur ta' l-istess Parry għall-kera tal-fond u danni kaġjunati fejn kien joqgħod l-istess debitur meta ġew minnu elevati diversi oġġetti u fosthom it-Television in kwistjoni.

Li l-attur nomine qiegħed jippretendi li l-imsemmi television set m'għandux jinbiegħ fis-subbasta għaliex huwa proprietà tad-ditta attriċi, u kien jinsab provviżorjament fil-fond fejn ġie elevat għand il-konvenut Parry l-ewwel b'kera u mbagħad detenut sempliċement sakemm jiġi rtirat mid-ditta attriċi.

Ikkunsidrat:

Li, taħt iċ-ċirkostanzi, l-eċċezzjoni tal-konvenut Coleiro għandha tiġi milqugħa.

Infatti, kull ma jeħtieġ biex ikun hemm lok għall-privileġġ kontemplat fl-art. 2113(e) tal-Kodiċi Ċivili huwa li l-

ħaġa tkun fil-post mikri, u tkun hemm biex isservi ħalli tgħammar il-fond. Għalhekk, skond kif ġie ripetutament ritenut minn dawna l-Qrati, il-liġi tipprexxendi espressament mill-fatt ta' min ikun il-proprietà tal-ħaġa (Kollez. XXXVII, i, 458).

Li, anqas jista' jingħad li kien hemm xi malafede fil-lokatur, għax illum saret regola ġenerali li kważi f'kull dar, anki mhux aġjata, l-użu tat-television sar ta' komuni rikorrenza, u b'ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni, ma jista' jiġi allegat li television set ma jservix "per guarnire o istruire un fondo" — għax illum sar kważi aċċessorju ndispensabbli għall-passatemp u ngħidu wkoll, abbelliment tad-djar lokali (Kollez. XVI, iii, 3).

Li, imbagħad taħt il-Kodiċi tagħna, a differenza tal-liġijiet Franċiża u Taljana, il-buona fede fil-lokatur mhix meħtieġa għall-effikaċi konservazzjoni ta' dana l-privileġġ (Kollez. XV, 246; XXXI, i, 683), u anqas ma tiġi minsusa l-istess effikaċja tal-privileġġ jekk l-oġġett maqbud ikun jinsab fil-post fejn jiġi elevat, provviżorjament jew detenut mid-debitur mingħajr titolu.

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talba ta l-attur nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu.